**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*
*Il-President*

18.3.2021

Is-Sur Juan Fernando López Aguilar
Il-President
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (COM(2018)0302 – C8-0185/2018 – 2018/0152A(COD))

Sur President,

Bl-ittra tal-1 ta' Frar 2021[1], inti kkonsultajt lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, skont l-Artikolu 40 tar-Regoli ta' Proċedura, biex jeżamina x-xerqien tal-bażi ġuridika tal-proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (2018/0152A(COD)) issuġġerita matul in-negozjati interistituzzjonali.

Il-kumitat eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Marzu 2021.

**I - Kuntest**

Is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) hija s-soluzzjoni teknoloġika għall-iskambju ta' data dwar il-viżi bejn l-Istati Membri. Din tiffaċilita l-proċedura tal-viżi għal soġġorn qasir u tgħin lill-awtoritajiet tal-viżi, tal-fruntieri, tal-ażil u tal-migrazzjoni biex jiċċekkjaw malajr u b'mod effettiv l-informazzjoni neċessarja dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jeħtieġu viża biex jivvjaġġaw lejn l-UE. Is-sistema twettaq tqabbil bijometriku, primarjament tal-marki tas-swaba', għal skopijiet ta' identifikazzjoni u verifikazzjoni. il-VIS hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE[2]. L-għan, il-funzjonalitajiet u r-responsabbiltajiet tagħha huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 767/2008[3].

[1] D 300633
[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) (ĠU L 213, 15.6.2004, p. 5).
[3] Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema


Magħquda fid-diversità

Fis-16 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva biex temenda r-Regolament VIS u atti leġiżlattivi oħra tal-UE[4]. Il-proposta tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 16(2), l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e), l-Artikolu 78(2)(d), (e) u (g), l-Artikolu 79(2)(c) u (d), l-Artikolu 87(2)(a) u l-Artikolu 88(2)(a) tat-TFUE.

Matul in-negozjati interistituzzjonali, il-Kunsill issuġġerixxa li tiġi modifikata l-bażi ġuridika proposta oriġinarjament mill-Kummissjoni, biex tirrifletti aħjar l-eżitu tan-negozjati, u b'hekk inaqqasha għal tnejn, jiġifieri l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e), u l-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE. It-test maqbul b'mod proviżorju mill-koleġiżlaturi jiddependi fuq dawn l-Artikoli.

## II - L-Artikoli rilevanti tat-Trattat

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea huma fformulati kif ġej:

Artikolu 16
(ex Artikolu 286 TKE)

*[...]*

*2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu r-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni, kif ukoll mill-Istati Membri meta jwettqu attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u mal-moviment liberu ta' din id-data. Il-ħarsien ta' dawn ir-regoli għandu jkun suġġett għall-kontroll minn awtoritajiet indipendenti.*

*[...]*

KAPITOLU 2
POLITIKA DWAR KONTROLLI FIL-FRUNTIERI, L-AŻIL U L-IMMIGRAZZJONI

Artikolu 77
(ex Artikolu 62 TKE)

*1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika bil-għan li:*

*(a) tassigura li ma jkun hemm l-ebda kontroll fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu*
*l-fruntieri interni;*

*(b) tassigura li jsiru kontrolli fuq persuni u sorveljanza effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni;*

---

tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

[4] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008, ir-Regolament (KE) Nru 810/2009, ir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2016/399, ir-Regolament XX/2018 [ir-Regolament tal-Interoperabilità], u d-Deċiżjoni 2004/512/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI

*(c) iddaħħal b'mod gradwali sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni.*

*2. Għall-fini tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa dwar:*

*(a) il-politika komuni dwar viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira;*

*(b) il-kontrolli li huma suġġetti għalihom il-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni;*

*[...]*

*(d) kwalunkwe miżura meħtieġa għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni;*

*(e) in-nuqqas ta' kontroll fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni.*

*[...]*

Artikolu 78
(ex Artikoli 63, punti 1 u 2, u 64(2) tat-TKE)

*1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-għan li toffri status xieraq lil kull ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u bil-għan li tassigura l-ħarsien tal-prinċipju ta' non-refoulement. Din il-politika trid tkun konformi mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 u mal-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967 dwar l-istatus tar-refuġjati, kif ukoll ma' trattati oħra rilevanti.*

*2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa dwar sistema komuni Ewropea ta' ażil li tinkludi:*

*[...]*

*(d) proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-istatus uniformi ta' ażil jew ta' protezzjoni sussidjarja;*

*(e) kriterji u mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li jikkunsidra applikazzjoni għal ażil jew għal protezzjoni sussidjarja;*

*[...]*

*(g) sħubija u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-amministrazzjoni tal-flussi ta' persuni li japplikaw għal ażil jew għal protezzjoni sussidjarja jew temporanja.*

*[...]*

Artikolu 79
(ex Artikolu 63, punti 3 u 4, TKE)

*1. L-Unjoni għandha tiżviluppa politika komuni ta' immigrazzjoni maħsuba biex tassigura, fl-istadji kollha, l-amministrazzjoni effikaċi tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u l-ġlieda b'saħħa kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.*

*2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri fl-oqsma li ġejjin:*

*[...]*

*(c) l-immigrazzjoni illegali u r-residenza mhux awtorizzata, inkluża t-tkeċċija u r-ripatrijazzjoni ta' persuni residenti mingħajr awtorizzazzjoni;*

*(d) il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, b'mod partikolari tan-nisa u t-tfal.*

*[...]*

*KAPITOLU 5*
*KOOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA*

Artikolu 87
(ex Artikolu 30 tat-TUE)

*1. L-Unjoni għandha tistabbilixxi koperazzjoni tal-pulizija li tinvolvi l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri, inkluża l-pulizija, is-servizzi tad-dwana u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi speċjalizzati fl-oqsma tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali.*

*2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu miżuri dwar:*

*(a) il-ġabra, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti;*

*[...]*

Artikolu 88
(ex Artikolu 30 tat-TUE)

*1. Il-missjoni tal-Europol għandha tkun li tappoġġja u ssaħħaħ azzjoni tal-awtoritajiet tal-pulizija u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri kif ukoll il-koperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità serja li tolqot lil żewġ Stati Membri jew iktar, it-terroriżmu u l-forom ta' kriminalità li jolqtu interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni.*

*2. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jiddeterminaw l-istruttura, il-funzjonament, il-qasam tal-azzjoni u l-kompiti tal-Europol. Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:*

*(a) il-ġabra, il-ħażna, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni mgħoddi partikolarment mill-awtoritajiet tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi jew korpi terzi;*

*[...]*

**<u>III - Ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika</u>**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment qieset il-kwistjoni tal-bażi ġuridika xierqa bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 TUE) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni.[5] Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, "l-għażla tal-bażi legali ta' att Komunitarju għandha tiġi bbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, fosthom, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-att".[6] Għaldaqstant, l-għażla tal-bażi ġuridika żbaljata tista' tiġġustifika l-annullament tal-att ikkonċernat. F'dan il-kuntest, ix-xewqa ta' istituzzjoni li tipparteċipa b'mod aktar attiv fl-adozzjoni ta' att partikolari, iċ-ċirkostanzi li fihom l-att ikun ġie adottat, kif ukoll il-ħidma li tkun saret f'aspetti oħra fl-ambitu tal-azzjoni koperta minn att partikolari huma irrilevanti għall-identifikazzjoni tal-bażi ġuridika korretta.[7]

Jekk l-eżami ta' att juri li huwa jsegwi għan doppju jew li għandu żewġ komponenti u jekk wieħed minnhom jista' jiġi identifikat bħala prinċipali jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ikun biss sekondarju, dan l-att għandu jkun ibbażat fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent prinċipali jew predominanti.[8] B'mod eċċezzjonali, fejn miżura jkollha diversi objettivi jew komponenti kontemporanji, li jkunu marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju u indirett meta mqabbel mal-ieħor/oħrajn, tali att għandu jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti[9]. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli ma' xulxin u ma jdgħajfux id-dritt tal-Parlament Ewropew[10]. Barra minn hekk, il-miżura magħżula għandha tikkonforma mat-tip tal-att leġiżlattiv preskritt meta speċifikat fit-Trattat.

**<u>IV – Għan u kontenut tal-miżura proposta</u>**

Il-premessa 2 tal-proposta tiddikjara li: "*L-objettivi ġenerali tal-VIS huma li ttejjeb l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-viża, il-kooperazzjoni konsulari u l-konsultazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali tal-viża billi tiffaċilita l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar applikazzjonijiet u d-deċiżjonijiet relatati, sabiex: tiffaċilita l-proċedura tal-applikazzjoni għal viża; tipprevjeni l-"visa shopping"; tiffaċilita l-ġlieda kontra l-frodi tal-*

[5] L-Opinjoni 2/00,ECLI:EU:C:2001:664, punt 5.
[6] Is-Sentenza fil-Kawża C-411/06 P, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, EU:C:2009:518, punt 45 u l-ġurisprudenza ċitata fiha. Ara wkoll *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C-130/10, EU:C:2012:472, punt 42 u l-ġurisprudenza ċitata fiha.
[7] Is-Sentenza fil-Kawża C-269/97, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2000:183, punt 44.
[8] Is-Sentenza fil-Kawża C-137/12, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, EU:C:2013:675, punt 53; *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u l-Kunsill*, C-411/06, EU:C:2009:518, punt 46 u l-ġurisprudenza ċitata fiha. *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C 490/10, EU:C:2012:525, punt 45; *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C 155/07, EU:C:2008:605, punt 34.
[9] Il-Kawża C-211/01, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2003:452, punt 40; il-Kawża C-178/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2006:4, punti 43-56.
[10] Il-Kawża C-300/89, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* ("Diossidu tat-titanju"), ECLI:EU:C:1991:244, punti 17-25; il-Kawża C-268/94, *Il-Portugall vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1996:461.

*identità; tiffaċilita l-kontrolli fil-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni u fit-territorju tal-Istati Membri; tgħin fl-identifikazzjoni ta' kull persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew ma tibqax tissodisfa aktar, il-kundizzjonijiet biex tidħol, toqgħod jew tgħix fit-territorju tal-Istati Membri; tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tat-theddid għas-sigurtà interna ta' kwalunkwe mill-Istati Membri".*

Fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-proposta, il-Kummissjoni tfassal lista ta' objettivi tal-proposta, u tibda bl-objettivi speċifiċi tal-proposta, jiġifieri: "*(1) tiffaċilita l-proċedura tal-applikazzjoni għal viża*; *(2) tiffaċilita u ssaħħaħ il-kontrolli mal-postijiet tal-qsim tal-fruntieri esterni u fit-territorju tal-Istati Membri; (3) ittejjeb is-sigurtà interna taż-żona ta' Schengen billi tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza.*

Il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni bejn it-tliet objettivi msemmija hawn fuq u objettivi oħra meqjusa bħala "objettivi anċillari": *"(4) tiffaċilita l-verifiki tal-identità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, fit-territorju ta' Stat Membru, mill-awtoritajiet tal-migrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi; (5) tagħmilha aktar faċli li jiġu identifikati persuni neqsin; (6) tgħin fil-proċess tal-identifikazzjoni u r-ritorn ta' kwalunkwe persuna li jista' jkun ma tissodisfax, jew ma tibqax tissodisfa aktar, il-kundizzjonijiet biex tidħol, toqgħod jew tgħix fl-Istati Membri; (7) tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jaċċessaw data ta' applikanti għal u detenturi ta' viżi għal soġġorn qasir (li diġà huwa possibbli taħt ir-regoli kurrenti), u biex dan l-aċċess jiġi estiż għal detenturi ta' viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza, fejn meħtieġ għall-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-kxif jew il-prosekuzzjoni ta' kriminalità serja u terroriżmu, filwaqt li jiġu żgurati standards għoljin tal-protezzjoni u l-privatezza tad-data; (8) tiġbor statistika b'appoġġ għal tfassil ta' politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni Ewropea bbażata fuq l-evidenza*".

Il-proposta temenda u tħassar għadd ta' atti, li l-lista tagħhom ġiet modifikata matul in-negozjati interistituzzjonali. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li temenda r-Regolament (KE) Nru 767/2008 (li jistabbilixxi l-għan, il-funzjonalitajiet u r-responsabbiltajiet tal-VIS), ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 (il- "Kodiċi dwar il-Viżi" li jistabbilixxi r-regoli dwar ir-reġistrazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi fil-VIS[11]), ir-Regolament (UE) 2017/2226 (li jistabbilixxi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)), ir-Regolament (UE) 2016/399 (il-"Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen"), ir-"Regolament dwar l-Interoperabilità"[12] futur, u d-Deċiżjoni 2004/512/KE (li tistabbilixxi l-VIS). Hija għandha l-għan ukoll li tħassar d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom l-awtoritajiet maħtura tal-Istati Membri u l-Europol jistgħu jiksbu aċċess biex jikkonsultaw il-VIS għall-finijiet tal-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra. Insegwitu tan-negozjati interistituzzjonali, it-test maqbul b'mod proviżorju jemenda wkoll ir-Regolament (UE) 2018/1240, ir-Regolament (UE) 2018/1860, ir-

[11] Sadanittant il-Kodiċi dwar il-Viżi ġie rivedut: Ir-Regolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 188, 12.7.2019, p. 25.

[12] COM(2017)793, adottata minn dak iż-żmien 'il hawn: Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam ta' fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) 767/2008, (UE) 2016/399, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-84.

Regolament (UE) 2018/1861 u r-Regolament (UE) 2019/1896 u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/512/KE.

Fir-rigward tal-kontenut prinċipali tagħha, il-proposta tintroduċi dispożizzjonijiet li jtejbu s-sistemi tal-IT, l-arkitettura tad-data u l-iskambju ta' informazzjoni kif ukoll l-interoperabbiltà tal-VIS ma' sistemi oħra tal-UE. Din taġġorna komponenti tekniċi oħra tal-VIS, inkluż il-ġbir ta' identifikaturi bijometriċi. Il-proposta tistabbilixxi proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar viżi għal soġġorn twil u permessi ta' residenza. Il-kontenut tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, li tistabbilixxi l-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u tal-Europol għall-VIS, huwa integrat fir-regolament propost.

**V - Analiżi u determinazzjoni tal-bażi ġuridika xierqa**

Il-Kumitat LIBE talab li jiġi eżaminat ix-xerqien tal-bażijiet ġuridiċi li fuqhom huwa bbażat it-test maqbul b'mod proviżorju bejn il-koleġiżlaturi, jiġifieri l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e) u l-Artikolu 87(2)(a).

Skont l-Artikolu 77(2), (a), (b), (d) u (e) tat-TFUE, il-Parlament u l-Kunsill jistgħu jadottaw miżuri dwar: (a) il-politika komuni dwar viżi u permessi oħra ta' residenza għal permanenza qasira; (b) il-kontrolli li huma suġġetti għalihom il-persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni; (d) kwalunkwe miżura meħtieġa għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni; u (e) in-nuqqas ta' kontroll fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom, meta jaqsmu l-fruntieri interni.

Fid-dawl tat-tliet objettivi speċifiċi u tal-kontenut prinċipali tal-proposta, jidher li l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e) tat-TFUE, li jagħti l-kompetenza lill-Unjoni biex tadotta leġiżlazzjoni dwar il-viżi, il-kontrolli fil-fruntieri, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni u n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni, huwa l-bażi ġuridika xierqa għall-proposta.

Għandu jiġi nnotat ukoll li l-Kummissjoni tqis li l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) (e) tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika ewlenija għall-proposta.[13]

Skont il-ġurisdizzjoni tal-Qorti, jekk miżura jkollha għan doppju jew ikollha żewġ komponenti, fejn komponent wieħed ikun predominanti u l-ieħor ikun inċidentali, l-att irid ikun ibbażat fuq bażi ġuridika waħda. Meta wieħed iqis l-għan u l-kontenut prinċipali tal-proposta, id-dispożizzjonijiet l-oħra ġew indikati b'mod korrett bħala anċillari.

Madankollu, fid-dawl tal-fatt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI, li tistabbilixxi l-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u tal-Europol għall-VIS, ġiet mħassra u l-kontenut tagħha ġie integrat fir-Regolament VIS bħala Kapitolu IIIb ġdid "Proċeduri u kundizzjonijiet għall-aċċess għall-VIS għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi", l-inklużjoni tal-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija bl-involviment tal-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri bħala bażi ġuridika addizzjonali tidher ġustifikata.

**VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Matul il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Marzu 2021, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda

[13] Memorandum ta' Spjegazzjoni, paġna 11.

b'hekk, b' 20 vot favur , l-ebda vot kontra u tliet astensjonijiet[14], li jirrakkomanda lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li l-bażi ġuridika xierqa għar-regolament propost hija l-Artikolu 77(2)(a), (b), (d) u (e) tat-TFUE u l-Artikolu 87(2)(a) tat-TFUE.

Dejjem tiegħek

Adrián VÁZQUEZ LÁZARA

[14] Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Adrián Vázquez Lázara (President), Marion Walsmann (Viċi President), Ibán García Del Blanco (Viċi President), Raffaele Stancanelli (Viċi President), Axel Voss (rapporteur għal opinjoni), Manon Aubry, Gunnar Beck, Patrick Breyer, Geoffroy Didier, Andrzej Halicki, Pascal Durand, Angel Dzhambazki, Esteban González Pons, Heidi Hautala, Mislav Kolakušić, Ilhan Kyuchyuk, Gilles Lebreton, Antonius Manders, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Jiří Pospíšil, Jérôme Rivière, Franco Roberti, Marcos Ros Sempere, Nacho Sánchez Amor, Stéphane Séjourné, Marie Toussaint, Tiemo Wőlken, Lara Wolters and Javier Zarzalejos.